



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B9-0358/2023**

1.8.2023

# **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa skont l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-ħtieġa li jiġi abolit il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

**Filip De Man, Gerolf Annemans, Dominique Bilde, Gunnar Beck, Nicolaus Fest, Roman Haider, Jean-François Jalkh, Joachim Kuhs, Jaak Madison, Gilles Lebreton, Eric Minardi, Guido Reil, Harald Vilimsky, Georg Mayer, Anders Vistisen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-ħtieġa li jiġi abolit il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra t-Trattat ta' Ruma tal-1957,
  - wara li kkunsidra t-Trattat ta' Maastricht tal-1992,
  - wara li kkunsidra t-Trattat ta' Liżbona tal-2007,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) twaqqaf fl-1958 biex jippermetti lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jinfluwenzaw il-politika tal-UE;
- B. billi l-Parlament u korpi oħra tal-UE issa jinteraġixxu direttament mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;
- C. billi ma hemm l-ebda evidenza ta' kif il-KESE għen biex ifassal il-politika tal-UE;
- D. billi l-KESE ġareg biss 131 opinjoni mhux vinkolanti fl-2020, u madankollu jimpjega kważi 700 membru tal-persunal permanenti, u kull sena jiswa lill-kontribwenti madwar EUR 150 miljun;
- E. billi l-membru tal-Parlament Federali Ġermaniż Katharina Willkomm (FDP), l-eks MPE Derk Jan Eppink u l-MPE attwali Tomáš Zdechovský (PPE) issottolinjaw in-nuqqas ta' utilità tal-KESE;
1. Jissottolinja n-nuqqas totali ta' valur miżjud ipprovdut mill-KESE;
  2. Jissottolinja t-talba tal-KESE biex jiżdied il-baġit tiegħu;
  3. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jabolixxu l-KESE.